2024/1845

28.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1845

tas-27 ta' Ġunju 2024

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji jew taż-żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u tal-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar erba' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fl-istat ta' Minnesota, li ġew ikkonfermati bejn it-12 ta' Ġunju 2024 u t-18 ta' Ġunju 2024 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti stabbiliet żoni ristretti ta' mill-inqas 10km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentat politika tal-qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u dwar il-miżuri li ħadu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI wara t-tifqigħat riċenti fl-istat ta' Minnesota.

(8) Il-Kummissjoni evalwat dik l-informazzjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat riċenti fl-istat ta' Minnesota, biex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(9) Barra minn hekk, il-Kanada u l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(10) Il-Kanada ppreżentat informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-provinċja ta' Alberta, li ġiet ikkonfermata fis-27 ta' Novembru 2023 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) L-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward ta' 14-il tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California (1), Michigan (1), Missouri (4) u South Dakota (8), li ġew ikkonfermati bejn il-15 ta' Novembru 2023 u d-9 ta' Mejju 2024 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) Il-Kanada u l-Istati Uniti ppreżentaw ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li ħadu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara t-tifqigħat tal-HPAI, il-Kanada u l-Istati Uniti implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew ukoll ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfettar wara l-implimentazzjoni tal-politika tal-qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat fit-territorji tagħhom.

(13) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni li ppreżentaw il-Kanada u l-Istati Uniti, u jidhrilha li dawn ipprovdew il-garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati f'dawk il-pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex tirrappreżenta theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li għalhekk jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Kanada u tal-Istati Uniti li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(14) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fl-Istati Uniti u fil-Kanada.

(15) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1694 ([4]) emenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 billi introduċa dati tal-ftuħ għaż-żoni US–2.603 u US–2.604 li qabel kienet magħluqa, fl-entrati għall-Istati Uniti. Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1694 instabu żbalji fir-rigward tad-dati tal-għeluq għal dawk iż-żoni fil-Parti 1, it-Taqsima B tal-Anness V u fil-Parti 1, it-Taqsima B tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Għaldaqstant jixraq li dawk id-dati jiġu kkoreġuti skont dan.

(16) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u biex ikun evitat t-tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada u mal-Istati Uniti, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza. It-tiswija tal-iżbalji fid-dati tal-għeluq għaż-żoni US–2.603 u US–2.604, fl-entrati għall-Istati Uniti fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, jenħtieġ li tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1694.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1694 tat-12 ta' Ġunju 2024 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa (ĠU L, 2024/1694, 13.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1694/oj).

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Parti I tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma kkoreġuti f'konformità mal-Parti II tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Iżda l-Artikolu 2 għandu japplika mill-14 ta' Ġunju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

PARTI I

EMENDI TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.223 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.223	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.11.2023	18.6.2024"

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.512 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.512	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		15.11.2023	7.6.2024"

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.519 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.519	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.11.2023	7.6.2024"

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.524 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.524	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.11.2023	5.6.2024"

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.588 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.588	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.12.2023	7.6.2024"

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.598 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.598	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.12.2023	7.6.2024"

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.606 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.606	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.12.2023	7.6.2024"

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.618 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.618	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		16.1.2024	12.6.2024"

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.621 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.621	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.1.2024	7.6.2024"

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.626, US-2.627 u US-2.628 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.626	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.2.2024	6.6.2024
	US-2.627		N, P1		21.2.2024	6.6.2024
	US-2.628		N, P1		23.2.2024	6.6.2024"

(xi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.630 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.630	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.2.2024	6.6.2024"

(xii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.637 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.637	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.4.2024	15.6.2024"

(xiii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.648 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.648	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.5.2024	7.6.2024"

(xiv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.660 sa US-2.663 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.659:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.660	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.6.2024	
	US-2.661		N, P1		13.6.2024	
	US-2.662		N, P1		18.6.2024	
	US-2.663		N, P1		18.6.2024"	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.660 sa US-2.663 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.659:

"L-Istati Uniti	US-2.660	Stat ta' Minnesota Lyon 02 Lyon County: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 95.7760908°W 44.6294996°N)
	US-2.661	Stat ta' Minnesota Stearns 22 Stearns County: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 94.5848922°W 45.4211965°N
	US-2.662	Stat ta' Minnesota Swift 08 Swift County: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 95.7879735°W 45.4457667°N)
	US-2.663	Stat ta' Minnesota Pipestone 01 Pipestone County: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana: (koordinati GPS: 96.2484511°W 44.2585254°N)"

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.223 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.223	POU, RAT	N, P1		27.11.2023	18.6.2024
		GBM	P1		27.11.2023	18.6.2024"

(b) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.512 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.512	POU, RAT	N, P1		15.11.2023	7.6.2024
		GBM	P1		15.11.2023	7.6.2024"

(c) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.519 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.519	POU, RAT	N, P1		20.11.2023	7.6.2024
		GBM	P1		20.11.2023	7.6.2024"

(d) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.524 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.524	POU, RAT	N, P1		20.11.2023	5.6.2024
		GBM	P1		20.11.2023	5.6.2024"

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.588 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.588	POU, RAT	N, P1		18.12.2023	7.6.2024
		GBM	P1		18.12.2023	7.6.2024"

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.598 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.598	POU, RAT	N, P1		12.12.2023	7.6.2024
		GBM	P1		12.12.2023	7.6.2024"

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.606 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.606	POU, RAT	N, P1		30.12.2023	7.6.2024
		GBM	P1		30.12.2023	7.6.2024"

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.618 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.618	POU, RAT	N, P1		16.1.2024	12.6.2024
		GBM	P1		16.1.2024	12.6.2024"

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.621 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.621	POU, RAT	N, P1		23.1.2024	7.6.2024
		GBM	P1		23.1.2024	7.6.2024"

(j) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.626, US-2.627 u US-2.628 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.626	POU, RAT	N, P1		21.2.2024	6.6.2024
		GBM	P1		21.2.2024	6.6.2024
	US-2.627	POU, RAT	N, P1		21.2.2024	6.6.2024
		GBM	P1		21.2.2024	6.6.2024
	US-2.628	POU, RAT	N, P1		23.2.2024	6.6.2024
		GBM	P1		23.2.2024	6.6.2024"

(k) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.630 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.630	POU, RAT	N, P1		23.2.2024	6.6.2024
		GBM	P1		23.2.2024	6.6.2024"

(l) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.637 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.637	POU, RAT	N, P1		9.4.2024	15.6.2024
		GBM	P1		9.4.2024	15.6.2024"

(m) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żona US-2.648 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.648	POU, RAT	N, P1		9.5.2024	7.6.2024
		GBM	P1		9.5.2024	7.6.2024"

(n) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.660 sa US-2.663 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.659:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.660	POU, RAT	N, P1		12.6.2024	
		GBM	P1		12.6.2024	
	US-2.661	POU, RAT	N, P1		13.6.2024	
		GBM	P1		13.6.2024	
	US-2.662	POU, RAT	N, P1		18.6.2024	
		GBM	P1		18.6.2024	
	US-2.663	POU, RAT	N, P1		18.6.2024	
		GBM	P1		18.6.2024"	

PARTI II

KORREZZJONI FIR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2021/404

(1) Fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, fl-entrati għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.603 u US-2.604 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.603	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.12.2023	1.6.2024
	US-2.604		N, P1		28.12.2023	1.6.2024"

(2) Fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, fl-entrati għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.603 u US-2.604 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.603	POU, RAT	N, P1		28.12.2023	1.6.2024
		GBM	P1		28.12.2023	1.6.2024
	US-2.604	POU, RAT	N, P1		28.12.2023	1.6.2024
		GBM	P1		28.12.2023	1.6.2024"